MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2007

Avviz Numru. 386/2006

**Elmo Insurance Limited**

**vs**

**Korporazzjoni Ghas-Servizzi tal-Ilma**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat is-6 ta' Dicembru tas-sena 2006 li prmezz tieghu is-socjeta' attrici sejhet lill-koprorazzjoni konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'gahndhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, seba' mija u tminja u tmenin Lira Maltin, (LM3,788.00,0), in linea ta' danni minnha sborsati bhala indennizz a favur tal-assikurat taghha li kien kopert mis-socjeta' attrici b'polza ta' assikurazzjoni Nru. 163-22299 in

segwitu ghal l-incident li gata nhar il-11 ta’ Novembru tas-sena 2004 meta l-assikurat tas-socjeta’ attrici garrab dhul ta’ ilma u hsara konsegwenzjali fil-fond numru 37, St. Catherine Street, Zejtun, Malta, proprjeta’ tieghu, ilma li skula minn karusa li kienet qrib il-post fejn persuni minnu nkarigati ghamlu xoghlijiet konnessi mas-sistema tad-drenagg; prevja dikjarazzjoni li l-Korporazzjoni konvenuta kienet unikament responsabbli ghad-danni subiti mis-socjeta’ attrici u ghar-risarciment taghhom;

2. Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficcjali tat-28 ta’ Novembru tas-sena 2005 u bl-imghax legali b’effett mit-28 ta’ Novembru tas-sena 2005, kontra s-socjeta’ konvenuta li hija ingunta ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tal-Korporazzjoni konvenuta datata d-9 ta’ Jannar tas-sena 2007 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess docjeta’ attrici;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-verbal datat it-8 ta’ Mejju tas-sena 2007 fejn jirrizulta li wara li r-rapprezentant legali tal-korporazzjoni konvenuta talab li jipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri;

Wara li fl-istess verbal indikat fil-paragrafu precedenti ir-rapprezentant legali tas-socjeta’ attrici rriserva d-drittijiet tieghu fir-rigward;

Wara li semghet lill-partijiet fir-rigward tat-talbiet indikati fiz-zewg paragrafi precedenti, rat il-verbal taghha, ukoll datat it-8 ta’ Mejju tas-sena 2007, awtorizzat lill-Korporazzjoni konvenuta sabiex tipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri fit-terminu hemm koncess;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri, jew ahjar, ir-risposta ulterjuri tal-Korporazzjoni konvenuta datata s-16

ta’ Mejju tas-sena 2007 li permezz taghha eccepiet ulterjorment:

In-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ din il-qorti ai termini tar-Raba’ Skeda ta’ l-Att dwar l-Arbitragg, (Kap. 387), kif emendat bl-Avviz Legali 165 ta’ l-2006;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tas-socjeta’ attrici;

Innotat li r-rapprezentant legali tal-Korporazzjoni konvenuta informa lill-qorti li kien qieghed jsitrieh esklussivament fuq in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri ta’ l-istess korporazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi din hi sentenza parzjali limitata esklussivament fuq il-limiti gurisdizzjonali ta’ din il-qorti kif inkwiziti mir-risposta ulterjuri tal-Korporazzjoni konvenuta;

Illi in sintesi din il-Korporazzjoni qed issostni li din il-qorti m’ghandhiex gurisdizzjoni biex tipprocedi ulterjorment bil-kawza odjerna in forza tal-Kap 387 u ta’ l-Iskeda minnha indikata;

Illi sintetikament ir-Raba’ Skeda ta’ l-imsemmi Kap tal-Ligijiet ta’ Malta isostni s-segwenti:

1. Illi ghandu jkun hemm “arbitragg mandatarju” f’kaz ta’ tilwimiet indikati espressament fit-“Taqsima A” ta’ l-istess Skeda;

2. Illi dawn it-tilwimiet jirreferu ghas-segwenti:

i. tilwimiet dwar “condominium”;
ii. tilwimiet dwar traffiku ta’ vetturi bil-mutur;
iii. tilwimiet marbuta mas-servizzi ta’ l-elettriku u ta’ l-ilma;

3. Illi konsegwentement meta jaghti l-kaz li tqum fuq wahda minn dawn l-imsemmija tilwimiet il-procedura statutorjament iffissata ghandha tigi epurata f’sede ta’ arbitragg u allura ghandhom japplikaw ir-regoli msemmija fit-“Taqsima B” ta’ l-istess Skeda;

Ikkunsidrat;

Illi l-vertenza in dizamina tirrigwarda apparentement kwistjoni li hi naturalment eqreb lejn l-ahhar tip ta’ tilwima legislattivament indikata stante li l-ewwel zewg manifestazzjonijiet indikati huma ghal kollox irrelevanti ghaliha u qed jigu mmedjatament skartati;

Ikkunsidrat:

Illi rigward it-tielet tip ta’ tilwima ghandu jinghad li ghandu jkun ghaqli analizi logiku ta’ l-istess biex dan jigi pparagunat mar-realta’ fattwali tal-verenza vera u proprja li hi koplita biha, din il-qorti, biex b’hekk wiehed jara f’liema direzzjoni ghandu jipprocedi biex jittutela d-drittijiet legittimi tieghu;

Illi kif jirrizulta indikat aktar qabel, r-rapprezentanza tal-korporazzjoni konvenuta ma kinitx ta’ ghajnuna f’dan ir-rigward stante li din ghazlet li tistrieh fuq dak precedentement minnha sollevat bil-miktub u ghazlet li ma tkun ta’ ebda ghajnuna ulterjuri fir-rigward;

Ikkunsidrat:

Illi r-regolament 1.3 tar-Raba’ Skeda fuq citata pero’ jitfa’ dawl serju fuq il-veru skop ta’ din il-parti ta’ l-iskeda;

Illi effettivament dan is-sub-artikolu jindika bi precizjoni liema huma t-tilwimiet specifici li ghandhom il-forum gurisdizzjonali taghhom statutorjament predeterminat minn dan il-Kap fuq indikat;

Illi dan il-Kap sintetikament jistabbilixxi li r-rilwimiet hemm specifikatament indikati ghandhom jigu ndirizzati ghall-

forum ta’ l-arbitragg mandatarju u per konsegwenza, il-forum kurjali tradizzjonali gie zradikat;

Illi fil-kaz in dizamina t-tilwimiet rilevanti gew addirittura anke specifikati u huma s-segwenti:

i. dawk li ghandhom x’jaqsmu mal-provvista ta’ l-ernergija elettrika;
ii. dawk li ghandhom x’jaqsmu mal-kera ta’ “meter” ta’ l-elettriku;
iii. dawk li ghandhom x’jaqsmu ma’ kull servizz provdut mill-Korporazzjoni konvenuta;
iv. dawk li ghandhom x’jaqsmu ma’ kull tilwima marbuta mas-servizz ta’ l-ilma;

Ikkunsidrat:

Illi t-talba principali sottomessa mis-socjeta’ attrici pero’ hi limitata ghal danni civili kkagunati minn impjegati tal-korporazzjoni konvenuta fejn l-ebda tigbid ta’ l-immaginazzjoni interpretattiva ma qatt jista’ jwassalha biex tkun inkwadrata f’vertenza relattiva ghall-oghti ta’ xi tip ta’ servizz jew xi tilwima naxxenti mill-oghti ta’ l-istess servizz kif espressament indikat fl-imsemmija Skeda;

Ghaldaqstant din il-qorti tqis li l-eccezzjoni kif indikata mill-Korporazzjoni konvenuta, jew ahjar risposta ulterjuri, kienet biss manuvra dilatorja priva minn kull logika u sosten interpretattiv;

Illi anke bl-operazzjoni ta’ interpretazzjoni lingwistika logika u semplici ma kellu jkun hemm l-ebda diffikulta’ biex l-istess Korporazzjoni konvenuta tasal ghal konkluzjoni retta li l-kaz odjern qatt ma’ jista’ jkun postulat bhala arbitragg mandatorju stante li hu naxxenti minn negligenza operattiva u mhux minn xi servizz li seta’ gie moghti lis-socjeta’ attrici minn dik konvenuta;

Illi ghalhekk filwaqt li tirrespingi r-risposta ulterjuri tal-Korporazzjoni konvenuta, tqis li tali risposta effettivament tisfjora d-disprezz lejn l-awtorita’ tal-qorti stante li kienet intiza biss biex tahli l-hin taghha liema hin ghandu jkun

utilizzat b'mod ferm aktar iffokat – u biex tissottolinea l-fatt li mhux qieghda hawn biex tinvesti vertenzi inutili, frivoli, u gia' legislattivament cari, tirriserva li tesplora dan l-agir fid-dawl ta' dan, jekk ikun il-kaz;

Illi finalment tiddiferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni fil-meritu f'data li tigi ffissata seduta stante.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------